MEDE 770/2016 **HR 44/2016**

*Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol*
*Triq l-Assedju l-Kbir*
*Il-Furjana*
*VLT 2000*

Data: 4 ta' Novembru 2016

Lid-Diretturi
Lill-Prinċipali tal-Kulleġġ
Lill-Kapijiet ta' Skola u Sezzjonijiet (tal-Istat biss)

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**POST TA' ASSISTENT KAP TA' SKOLA (PRIMARJA) FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL BIEX ISERVI F'MALTA**

(**Skont il-pjan tal-*HR* tal-Ministeru għas-sena 2016**)

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistent Kap ta' Skola (Primarja) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol biex iservi f'Malta.

1.2 Il-kwalitajiet li qegħdin ikunu mfittxija għal dan il-post huma dawk ta' edukatur kapaċi, b'viżjoni, għarfien, kompetenzi u ħeġġa biex jifforma parti b'suċċess minn tim dinamiku ta' tmexxija fl-iskejjel.

## 2.0 Termini u Kundizzjonijet

2.1 Is-salarju ta' Assistent Kap ta' Skola (Primarja) huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fl-2016 hu ta' €22,043.98 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 b'mod inkrementali fis-sena sa massimu ta' €25,231.00.

2.2 Assistent Kap ta' Skola (Primarja) jirċievi *Allowance* applikabbli inklussiva ta' € 1,100 fis-sena għall-Immaniġġjar Edukattiv, biex tkopri aktar dmirijiet, aktar attendenza inkluż d-dmirijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kunsilli tal-iskola, u spejjeż oħra li jinkludu parti rimunerazzjoni għall-ispejjeż tat-telefon kif stipulat fil-

ftehim bejn il-Gvern ta’ Malta u l-*Malta Union of Teachers* iffirmat fit-23 ta’ Awwissu 2010.

2.3 Assistent Kap ta’ Skola (Primarja) jista’ jintalab jattendi korsijiet, lokali jew barra minn Malta, kif mitlub mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE).

**3.0 Iskop u Responsabbiltajiet**

3.1 Ir-rwol ewlieni ta Assistent Kap ta’ Skola (Primarja) hu li:

- jassisti u jservi flok il-Kap tal-Iskola biex ikun hemm immaniġġjar effettiv u effiċjenti, u jsir kontroll fuq ir-riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji tal-iskola u biex
- joffri tmexxija professjonali fl-implimentazzjoni w fl-iżvilupp tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu;

3.2 Ir-responsabbiltajiet ewlenin ta’ Assistent Kap ta’ Skola (Primarja) jinkludu li:

- jagħti għajnuna fl-immaniġġjar tal-iskola jew f’xi parti tal-iskola kif jiddetermina l-Kap tal-Iskola;
- jwettaq id-dmirijiet professjonali ddelegati mill-Kap tal-Iskola;
- fin-nuqqas tal-Kap tal-Iskola, jieħu f’idejh l-immaniġġjar u d-dmirijiet professjonali tal-Kap tal-Iskola;
- jaddatta u jwettaq xogħol li jwassal għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Żvilupp tal-Iskola fejn ikun qed jagħti servizz;
- jagħti għajnuna professjonali lill-għalliema fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet pedagoġiċi, b’mod partikolari billi jsir *mentoring* ma’ għalliema ġodda;
- jikkopera mal-Kap tal-Iskola fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni ta’ innovazzjonijiet kurrikulari u żvilupp fl-iskola;
- jakkwista esperjenza fl-immaniġġjar fil-livelli differenti tal-iskola;
- f’każi ta’ emerġenza, jassumi responsabbiltà ta’ klassi;
- jinkoraġġixxi parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta’ Żvilupp tal-Iskola u kif miftiehem mas-*Senior Management Team*;
- jwettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonjiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

## 4.0 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċċjali Pubbliċi fil-grad ta' Għalliem li:

(a) għandhom mhux anqas minn għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim, li l-aħħar ħames (5) snin tagħhom iridu jkunu fi skejjel statali; **U**

(b) għandhom mhux anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fi skejjel Primarji.

Kif tipprovdi l-klawsola 34(2) tal-Ftehim Settorjali bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Malta Union of Teachers* iffirmat fit-23 ta' Awissu 2010. *Instructors* li kisbu l-grad ta' Għalliem (*Personal Basis)* u li jissodissfaw il-kriterji ta' eliġibilita' imsemmijja f'paragrafu 4.1 (a) u 4.1 (b) hawn fuq, jitqiesu eliġibbli ukoll. Qed ikun iċċarat li s-snin ta' esperjenza fit-tagħlim fil-grad ta' *Instructor* jitqiesu bħala snin ta'esperjenza fit-tagħlim għal fini ta' paragrafu 4.1 (a) u 4.1 (b) hawn fuq.

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1 ikollhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1).

## 5.0 Sottomossjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li persuna tindika li għandha, jridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni fil-edurecruitment portal: **https://edurecruitment.gov.mt**. Kwalifiki mill-Livell 5 sa 8 tal-MQF għandhom jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

## 6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi determinat, f'ordni ta' mertu, min hu adattat għall-post. L-għola marka li tista' tinkiseb f' dan il-proċess tal-għażla hija **500** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **300**.

6.2 Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tkun ippubblikata fuq is-sit: https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx.

**7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 Applikazzjonijiet, flimkien ma' Formola ta' Rekord tas-Servizz u l-*Leave* (GP 47) aġġornata u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Format tal-Curriculum Vitae Ewropew, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **BISS** f'dan l-indirizz: **https://edurecruitment.gov.mt** mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2016**. Irċevuta awtomatika li tintbagħat permezz ta' *e-mail* tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.3 L-impjegati tal-MEDE biss, minbarra l-entitajiet għandhom japplikaw għal GP 47 billi jibgħatu *e-mail* fuq records.mede@gov.mt, u jindikaw b'mod ċar, l-isem u l-kunjom sħiħ, in-numru tal-karta tal-Identità, il-Grad, in-numru tat-telefon, u l-indirizz tad-dar flimkien ma' ir-referenza tas-sejħa li applikajt għaliha. Kopja tinbagħat lill-applikant permez ta' e-mail u l-oriġinali tinbagħat lill-Bord tal-Għażla.

7.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**8.0 Provvedimenti Ġenerali**

8.1 Provvedimenti ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabli fid-dawl ta' paragrafu 7.1 hawn fuq),

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx . Dawn il-provvedimenti ġenerali għadhom jitqiesu bħala parti integrali minn dis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Joseph Caruana
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol